MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 145/2014

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Brian Montebello (K.I. 61385M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija sebgha u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€537.17) in konnessjoni ma' 99894145 (AC50685214), liema servizz gie kkuntrattat permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Gunju, 2010.

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti ta' mitejn ewro (€200) dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1614/12, u bl-imghax mis-16 ta' Lulju, 2013 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz:

Dok A – Prospett- AC50685214

Dok B – Kuntratt datat 26 ta' Gunju, 2010

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 1614/13

Ra x-xhieda tad-29 ta' April, 2014 fejn il-konvenut Brian Montebello ammetta bil-gurament t-talbiet kif dedotti kontrih u talab li jinghata l-fakolta' li jhallas din is-somma ratejalment permezz ta' pagamenti ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar. It-Tribunal f'dan l-istadju jirrakomanda lis-Socjeta' attrici li taghti l-fakolta' lill-konvenut li jhallas is-somma dovuta minnu ratejalment permezz ta' pagamenti ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa't-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija sebgha u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€537.17) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------